MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 10/2024 LM

**John Fenech (K.I. nru. 649382(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Tas-Sold Construction Limited (C 41072)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Tas-Sold Construction Limited (C 41072)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fid-9 ta' Frar, 2024, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 4124/JB, li ġiet intavolata fil-konfront tagħha mir-rikorrent **John Fenech (K.I.**

**nru. 649382(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], fejn it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

> *"...r-rikorrent is-sur John Fenech ma kienx jistħoqqlu jiġi terminat mill-impieg u bil-mod kif attwalment ġara u għalhekk iqis it-tkeċċija mill-impieg bħala nġusta. Minħabba f'hekk hemm lok li jingħata kumpens, li għandu jithallas mis-socjetà intimata lir-rikorrenti fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.*
>
> *It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni xi introjtu li ir-rikorrent seta' rċieva mill-każin li hu kien jieħu ħsieb u għalhekk qiegħed jistabbilixxi kumpens ta' sebgħat elef u ħames mitt euro (7,500 euro)*
>
> *Għal finijiet tal-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jiġu iffissati fl-ammont ta' tlieta u disgħin euro u sbatax il-ċenteżmu (93.17 euro). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg *full-time* tal-appellat minn mas-soċjetà appellanta b'effett mit-28 ta' Settembru, 2022. L-imsemmi appellat kien ilu fl-impieg tiegħu mas-soċjetà intimata għal madwar tlettax-il sena bħala lavrant f'xogħol relatat mal-kostruzzjoni.

## Mertu

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fl-10 ta' Jannar, 2023, permezz ta' rikors fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"1. Jaqta' u jiddeċiedi li l-kumpannija Tas-Sold Construction Limited (C 41072) keċċiet lil John Fenech inġustament u b'mod u manjiera xejn dinjituża dakinhar illi huwa rrapporta għax-xogħol;*

*2. Jaqta' u jiddeċiedi li l-kumpannija Tas-Sold Construction Limited (C 41072) imxiet abbużivament u b'mod qarrieqi in kwantu r-raġuni stipulata minnha rigwardanti t-terminazzjoni mill-impjieg ta' John Fenech;*

*3. Jikkundanna lill-kumpannija Tas-Sold Construction Limited (C 41072) tħallas l-ammont ta' flus rappreżentanti kumpens li jidhirlu xieraq u għandu jkun dovut lil John Fenech għat-tkeċċija nġusta illi huwa sofra u għal mod li bih ġie tterminat mill-impjieg tiegħu.*

*4. Jordna u/jew jipprefiġġi kwalunke direttiva ulterjuri li hija neċessarja li jieħu fil-mansjoni tal-poteri kollha li jtih il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' din l-istess tkeċċija;*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija Tas-Sold Construction Limited (C 41072) u bl-inġunzjoni ta' kull membru fi ħdan l-istess kumpannija in subizzjoni".*

4. Is-soċjetà intimata wieġbet fid-9 ta' Frar, 2023, fejn fissret il-verżjoni tagħha ta' dak li kien ġara bejn il-partijiet.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"KUNSIDERAZZJONIJIET***

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impieg kienitx għal raġuni tajba u biżżejjed skond il-liġi. Dan għamlu billi analizza l-fatti kollha u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-proċess, u dan, kif ġew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet u trattazzjonijiet tal-avukati.*

*Hawn qed nittrattaw każ ta' tkeċċija ta' ħaddiem li kien ilu tlettax (13) il-sena mal-kumpanija Tas-Sold Construction Ltd. Hekk ir-rikorrenti John Fenech ma kienx xi novizz. Kien ħaddiem ta' esperjenza kbira u twila tant li l-istess kumpannija fdatlu f'idejh il-vann tal-kumpannija u bosta għodda.*

*It-tkeċċija tar-rikorrent hija marbuta prinċipalment ma' dak li ġara fit-28 ta' Settembru, 2022 meta dakinhar is-Sur John Fench intalab jagħmel xi xogħol*

*partikulari mill-*foreman *Paul Magri. Dan tal-ahhar ma kienx sodisfatt bil-kwalità tax-xogħol li r-rikorrent kien qed jagħmel u dehrlu li l-mod kif sar ix-xogħol kien ta' periklu għal ħaddieħor u għalhekk talbu jerġa' jagħmlu mill-ġdid. Kif xehdu il-bqija tal-ħaddiema preżenti, l-atmosfera kienet waħda ta' tensjoni u ntqal diskors bejn il-*foreman *u ir-rikorrenti li ma kienx jixraq li isir bejn żewġ kollegi li kien ilhom jaħdmu flimkien snin twal. Telgħet it-tempra u l-atmosfera saħnet. Dan it-Tribunal huwa konvint illi d-diskors u l-atteġġjament ta' Paul Magri fil-konfront tar-rikorrent kien ċar. Magri kien qed ikeċċih mix-xogħol* on the spot. *Jekk Magri kellux is-setgħa jaqbad u jkeċċi ħaddiem jew le huwa irrelevanti fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan għaliex il-kumpanija qatt ma reġġgħet lura b'xi mod dak li kien għamel Pawlu Magri. Anzi mhux talli ma ippruvatx tirranġa b'xi mod mar-rikorrent John Fenech jew għal anqas tgħtih ċans illi jispjega x'ġara f'dik il-ġurnata tat-28 ta' Settembru 2022, imma saħansitra baqgħet issostni illi Pawlu Magri kien korrett fl-aġir tiegħu. Għalhekk ir-raġuni tiddetta illi għal kull bon fini l-kumpannija ikkonvalidat u ikkonfermat dak kollu li għamel Pawlu Magri inkluż it-tkeċċija. Għaldaqstant il-kumpannija intimata ma tistax tistaħba wara l-fatt illi tkeċċija, għalkemm evidentament saret fis-saħna tad-demm, kienet pjenament kondiviża u irratifikata minnha.*

*F'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma josservax illi tkeċċija mix-xogħol għandha tkun '*the very last resort'. *U jekk issir tkeccija, din ghandha issir wara li l-persuna konċernata tingħata kull opportunità li tingħata smigħ kif jixraq, imparzjali, u li tiddefendi ruħha, anke jekk hemm bżonn b'għajnuna legali. Fil-każ ta' John Fenech, dan qatt ma sar u it-Tribunal iqis l-atteġġjament min-naħa tas-Soċjetà Intimata versu r-rikorrent bħala nuqqas serju. It-Tribunal jinnota wkoll li r-rikorrent qatt ma ngħata xi twissija verbali jew bil-miktub speċjalment fejn għandu x'jaqsam in-nuqqas ta' attendenza tar-rikorrent fuq il-post tax-xogħol kif lamentat mill-kumpannija intimata. It-tkeċċija għalhekk kienet iċċentrata kompletament fuq dak li ġara fit-28 ta' Settembru 2022."*

## <u>**L-Appell**</u>

6. Is-soċjetà appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-20 ta' Frar, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tilqa' l-aggravji u ergo l-appell tas-soċjetà appellanta, u konsegwentement tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali mogħtija fid-9 ta' Frar, 2024, u/jew tagħti dawk id-direzzjonijiet, ordnijiet*

> *u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni f'dan l-istadju, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) it-Tribunal warrab skorrettement evidenza u provi ċari neċessarji għad-deċiżjoni tiegħu; u (b) it-Tribunal naqas milli jagħti motivazzjoni u raġunijiet fid-dettal dwar l-ammont likwidat.

7. L-appellat wieġeb fil-5 ta' Marzu, 2024, fejn talab sabiex l-appell jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk hija ġustifikata s-sottomissjoni tal-appellat li l-appell odjern huwa inammissibbli, u dan filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li jipprovdi s-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Tibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, fejn qiegħda ssostni li t-Tribunal skarta b'mod erroneju l-evidenza u l-provi ċari, illi li kieku ġew ikkunsidrati, kien ikollhom effett fuq id-deċiżjoni appellata. Minn hawn hija tgħaddi sabiex targumenta kif it-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-evidenza li kienet turi li l-appellat kien għamel żmien twil ma jmurx xogħol, u tirrileva diversi fatti li ħarġu mill-provi, li fil-fehma tagħha ġew imwarrba mit-Tribunal. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li kien jirriżulta li lanqas kien hemm tkeċċija, wisq anqas tkeċċija nġusta. Iżda f'dan kollu l-Qorti tagħraf li m'hemm l-ebda punt ta' liġi li hija qiegħda tiġi mitluba li għandu jiġi dibattut, iżda minflok is-soċjetà appellanta qiegħda tippretendi li jsir apprezzament tal-provi miġjuba quddiem it-Tribunal. Kif jipprovdu b'mod inekwivoku d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap.

452, dan l-eżerċizzju l-Qorti ma tistax tagħmlu u għalhekk tassew dan l-aggravju huwa inammissibbli.

10. Is-soċjetà appellanta tispjega li t-tieni aggravju tagħha huwa li t-Tribunal ma tax motivazzjoni u raġunijiet dettaljati dwar kif wasal għall-ammont likwidat rappreżentanti l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, u hawnhekk hija tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-para (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 in sostenn tal-argument tagħha.

11. Il-Qorti tagħraf li tassew fejn it-Tribunal stabbilixxa s-somma tal-kumpens li ddeċieda għandha titħallas lill-appellat, huwa naqas milli jagħti l-motivazzjoni sħiħa tiegħu dwar kif wasal għall-imsemmija somma, u dan filwaqt li tagħraf tgħid li l-kwistjoni taqa' fil-parametri tal-kompetenza tagħha kif stabbiliti taħt is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Huwa minnu li t-Tribunal iddikjara li huwa kien ikkunsidra kwalunkwe introjtu li l-appellat seta' kellu mill-ġestjoni tal-każin, iżda dan mhuwiex biżżejjed sabiex jitfisser sew kif l-imsemmi Tribunal wasal għall-ammont ta' kumpens likwidat favur l-appellat. Il-Qorti digà kellha l-opportunità f'każijiet oħra[1] li tissenjala li mingħajr motivazzjoni xierqa, il-partijiet ikunu qegħdin jiġi mċaħħda mhux biss minn kull raġuni li tkun wasslet lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu, iżda wkoll mid-dritt ta' appell jekk dan ikun il-każ. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li s-soċjetà appellanta għandha raġun tilmenta min-nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-appellat, u tilqa' dan it-tieni aggravju tagħha.

[1] Fost oħrajn App.Inf. 98/23LM, Timotheus Englebert Schnell *vs.* Comlux Malta Ltd, 14.06.2024.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-ewwel aggravju tal-appell tas-soċjetà appellanta bħala irritu u null, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu, tilqa' it-tieni aggravju tagħha u tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal, u tordnalu sabiex jispjega l-motivazzjoni tiegħu fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens ta' sebat elef u ħames mitt Euro (€7,500) pagabbli mis-soċjetà appellanta lill-appellat.**

**L-ispejjeż huma riżervati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**